# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.3

**Kap 5:** Ġesù Jitwieled bħalna

**Lezzjoni 5.3:** Kellhom iħallu darhom

**L-Għanijiet:**

It-tfal:

1. Jisimgħu dwar l-emozzjonijiet li setgħu ħassew Ġużeppi u Marija hekk kif wasal biex jitwieled Ġesù.
2. Jiġu konxji tat-tbatija li għaddew minna Ġużeppi u Marija sakemm twieled Ġesù.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-Bibbja – il-pass meta Ġużeppi u Marija jħallu darhom (Luqa 2: 1-5);
- Karta ta' Taħriġ 5.2.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal min huma l-aktar nies importanti tal-ġrajja tal-Milied. Oħroġ mingħand it-tfal li wara Ġesu' l-iktar nies importanti huma Marija u Ġużeppi.
- Aqra jew spjega fi kliemek il-ġrajja ta' meta Marija u Ġużeppi kellhom iħallu darhom biex imorru Betlem u ma sabux post fejn joqogħdu.
- Staqsi lit-tfal kif jaħsbu li ħassewhom Marija u Ġużeppi matul din il-ġrajja.
- Agħti ċans lit-tfal jesprimu lilhom infushom.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Uri l-preżentazzjoni tal-ġrajja ta' meta Marija u Ġużeppi telqu minn darhom u ħeġġeġ it-tfal biex jaħsbu fuq dak li qed jaraw.
- Staqsi lit-tfal:
    - F'liema mumenti ħassewhom imdejqin Marija u Ġużeppi u meta ħassewhom ferħanin?
    - Kieku kontu hemm meta seħħet din il-ġrajja x'kontu tagħmlu biex jgħinu lil Marija u Ġużeppi?
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.3 u bħala klassi iddiskuti mat-tfal Attività 1 u agħti ċans lit-tfal ipinġu l-wiċċ.



- Spjega Attività 2 u għin lit-tfal jiktbu s-sentenzi t-tajbin
- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara fejn tkompli tenfasizza l-fatt tal-għajnuna lil ta' madwarna.
- Agħmel rabta mal-lezzjoni li jmiss. Staqsi: Meta nafu kemm swielhom lil Marija u lil Ġużeppi t-twelid ta' Ġesù, kemm hu importanti li nħejju ruħna tajjeb għal din il-ġrajja!

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù, Marija u Ġużeppi huma l-iktar nies importanti f'din il-ġrajja.
2. Għalkemm il-Milied hija festa ta' ferħ, sakemm twieled il-Bambin, Marija u Ġużeppi għaddew minn mumenti ta' dwejjaq ukoll.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Flok il-kesħa tal-għar dan il-Milied, lil Ġesù, it-tfal joffru s-sħana ta' qalbhom biex jitwieled fiha.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ikkonkludi l-lezzjoni b'mima. It-tfal jagħmlu mima ta' xi episodji ta' ferħ mill-ġrajja tal-Milied.



**Nitolbu**

O Ġesù, dan il-Milied għinni nsir tifel/tifla aktar bravu/a u ejja twieled ġewwa qalbi.

